*ART 6 TAL-KONVENZJONI EWROPEA*

*ART 39 TAL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA*

*NON-RETROATTIVITA' TAL-LIGI PENALI*

*ART 30 TAL-KAP 101 TAL-LIGIJIET TA' MALTA*

*ART 639(3) TAL-KAP 9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA*

*XHIEDA TA' KOMPLICI*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Marzu 2017**

**Kawza Numru : 2**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 37/2016/LSO**

**Christopher Schembri (ID462375M)**

**vs**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Christopher Schembri datat 19 ta' April 2016 fejn espona: -

Illi l-esponent ghaddej proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn, jinsab *inter alia* akkuzat li fis-26 ta' Lulju 2005 u fix-xhur ta' qabel, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni sabiex ibiegh medicina eroina u li forna jew iprokura din l-istess droga kontra d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ta' dawn l-akkuzi, l-esponent tressaq sentejn wara, senjatament fis-6 ta' Lulju 2007.

Illi f' dawk il-proceduri xehed certu Raymond Gerada li ghal kull effetti tal-ligi ghandu jigi kkunsidrat bhala komplici f' dan l-allegat reat. Dan huwa l-uniku xhud li ghamel referenza ghall-esponent f' dawk il-proceduri. In *primis* f' din l-istanza jinghad li l-artikolu 30 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta m'ghandux applikazzjoni fil-kawza odjerna ghaliex dak il-provvediment jitkellem biss dwar akkwist ta' droga u mhux traffikar. Fil-fatt dak il-provvediment qatt ma kien intiz sabiex japprofetta ruhu spaccatur ta' drogi minnu.

Illi dwar il-valur probatorju tax-xhieda ta' komplici, l-esponent jaghmel referenza ghal-artikolu 639 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li llum jghid hekk:

*(3) Meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda li dak ix-xhud jaghti b' kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat.*

Illi ndubbjament l-istess pozizzjoni tghodd wkoll ghall-Qorti ta' Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Illi pero`, fiz**-zmien li sehh dan l-allegat reat**, u ghalhekk qabel l-emendi tas-sena 2006, id-dispozzjoni relattiva kienet tghid hekk:

*Meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat b' xi procediment ghal xi reat li ma jkunx* ***wiehed minn*** *dawk imsemmija fl-artikolu 112 sa 118, 120, 121, 124 sa 126, u 138; ikun il-komplici, u x-xhieda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b'cirkostanzi ohra, ix-xhieda ta' dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati.*

Illi jinghad lir-rikorrent kien ghamel talba specifika quddiem dik l-Onorabbli Qorti, sabiex l-istess Qorti tiddikjara liema pozizzjoni legali sejra tiehu.

Illi permezz ta' digriet datat 1 ta' Lulju 2015, dik l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba tar-rikorrent sabiex din il-Qorti ma tapplikax l-emenda hekk kif indikat f' dak ir-rikors.

Illi hija l-umli sottomissjoni tar-rikorrent, galadarba issa dik il-Qorti ppronunzjat ruhha u ghalhekk huwa ezawrixxa kull tip ta' rimedju a dispozzizzjoni tieghu, li l-pozizzjoni li hadet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tilledi d-dritt tieghu ghas-smigh xieraq hekk kif sancit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi jinghad ukoll li d-divergenza bejn iz-zewg artikoli tikkrea sitwazzjoni anomala ghall-esponent u dan ghaliex huwa jikkontendi li tali emenda tpoggi lir-rikorrent f'sitwazzjoni zvantaggata. Jinghad li din il-pozizzjoni zvantaggjata hija anke kreata mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan minhabba l-intransigenza tal-investigazzjoni fil-konfront tal-esponent li dam sentejn sabiex iressaq l-esponent fuq l-allegat reat u minhabba f' hekk gie mressaq taht ligi procedurali aktar onoruza.

Illi indubjament, skont ir-rikorrenti din l-emenda taffetwa l-elementi sostantivi ghaliex tincidi fuq kif ghandhom jigu apprezzati l-provi u l-esponent jibqa' jishaq li ma hemm xejn aktar sostantiv minn hekk. Hija l-fehma tal-esponent li din it-tibdila procedurali ghandha tissejjah ligi li ghandha konnessjoni mal-*fondo della causa* u ghalhekk fattur *decisorium litis.* Dan qieghed jinghad ukoll ghaliex l-

esponent huwa konsapevoli tal-principju tan-non retroattivita fil-ligi penali.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara lil-pozizzjoni li hadet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Natasha Galea Sciberras permezz tad-digriet taghha datat l-1 ta' Lulju 2015 hija leziva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent hekk kif sanciti fl-artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u konsegwentement

2. Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta' kull tad-dritt ghas-smigh xieraq tal-esponenti fosthom billi taghti direttiva lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatur Kriminali li qieghed tippresjedi l-kaz hawn fuq surreferit sabiex ma tapplikax l-emenda tal-artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hekk kif hawn fuq deskritt u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat li din ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta’ Mejju 2016.

**Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 6 ta' Mejju 2016 a fol 8 tal-process fejn esponew bil-qima:**

Illi in succint ir-rikorrent qieghed jallega li decizjoni li hadet il-Qorti tal-Magistrati (Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Christopher Schembri* tikser il-jedd ghal smigh xieraq bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Partikolarment ir-rikorrent qieghed jilmenta mill-applikazzjoni tal-artikolu 639(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex skont hu fiz-zmien meta sehh l-allegat reat kien hemm dispozizzjoni ohra iktar vantaggjuza ghalih.

Illi l-esponenti jirrespingi dawn l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li, kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel, bl-ebda mod ma gew mittiefsa d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

**<u>Fatti</u>**

L-investigazzjoni ta' dan il-kaz bdiet meta fis-26 ta' Lulju 2005 saret tfittxija fuq Raymond Gerada li dak iz-zmien kien jahdem bhala Correctional Officer fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Fuq il-persuna ta' Gerada instabu madwar 4 grammi droga eroina. Meta gie interrogat mill-pulizija, Raymond Gerada stqarr li hu ftiehem ma' certu Joseph Vella, li dak iz-zmien kien residenti l-habs, sabiex jiltaqa' mar-rikorrent. Fil-fatt jirrizulta li huma iltaqghu Bir id-Deheb u r-rikorrent ghadda lil Gerada borza bid-droga

eroina sabiex Gerada jkun jista’ jaghtiha lil Joseph Vella gewwa l-habs. Sussegwentement fis-6 ta' Lulju 2007 r-rikorrent deher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat li fis-26 ta' Lulju 2005 u fiz-zminijiet ta' qabel assocja ruhu ma' persuni sabiex tigi ttraffikata d-droga u li forna d-droga eroina lil terzi.

Lanjanza

Illi skont r-rikorrent, il-Qorti tal-Magistrati ghandha tapplika r-regoli li jirrigwardaw xhieda ta' komplici qabel ma' dahlu l-emendi tal-Kodici Kriminali fl-2006. Qabel l-2006 il-ligi kienet tghid li meta x-xhud uniku kontra l-akkuzat ikun il-komplici, ix-xhieda ta' dak ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed ghar-reita' jekk ma tkunx korroborata b'cirkostanzi ohra. Bl-emendi li dahlu fl-2006 din il-pozizzjoni inbidlet u issa l-artikolu 639(3) tal-Kap 9 jirrikjedi li meta jixhed komplici l-Qorti ghandha taghti direttiva lill-gurati sabiex jiznu x-xiehda b'kawtela qabel ma jaslu biex isibu lill-akkuzat hati. Ghalhekk f’ din il-qaghda wiehed ghandu jevalwa r-retroattivita' *o meno* tal-artikolu 639(3) tal-Kap 9.

Illi l-esponent jirrileva minnufih li r-rikorrent naqas milli jsemmi aspett importanti hafna u cioe' li hu diga ghamel talba fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex issir referenza kostituzzjonali dwar l-applikabbilita` tal-artikolu 639(3) u jirrizulta li fid-digriet taghha tad-29 ta' Frar 2016 l-Qorti tal-Magistrati ddikjarat li l-kwistjoni mqajma mir-rikorrent hija frivola u vessatorja u cahdet it-talba tieghu.

Illi l-kwistjoni kollha ddur fuq il-fatt dwar jekk regola procedurali tistax ikollha effett retroattiv fil-konfront ta' proceduri kriminali. Dan l-aspett diga' gie deciz mill-Qrati taghna u issa huwa kristallizat fil-gurisprudenza nostrana. Huwa stabbilit u huwa risaput illi regoli procedurali bhalma hu proprju r-regolament li qed jigi ikkontestat mir-rikorrent fil-kaz odjern (Art. 639(3)) huwa regolament li ghandu applikazzjoni immedjata - ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ***Il-Pulizija vs. George Faenza et*** tas-7 ta' Jannar 2005. Il-Qrati taghna ripetutament tennew ukoll li <u>ma hemm l-ebda dubju</u> li l-artikolu 639(3) huwa wiehed ta' natura procedurali u mhux sostantiv u ghalhekk ma japplikax ghalih il-principju tan-nonretroattivita - f'dan is-sens issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mahmud AH Amber*** tat-28 ta' Gunju 2007. Jinghad ukoll li dan kollu gie kkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Mario Borg vs. Avukat Generali*** tas-6 ta' Ottubru 2009 fejn dik l-Onorabbli Qorti ddikjarat li l-htiega *o meno* ta' korroborazzjoni f' kaz kriminali tifforma parti integrali mir-rekwiziti li huma prettament ta' natura procedurali u li regola dwar kif ghandha issir il-prova m'ghandha qatt titqies bhala wahda li hija konnessa mal-mertu tal-kawza.

In oltre ir-rikorrent gie akkuzat il-Qorti f'Lulju 2007 u cioe' meta l-emenda fl-artikolu 639(3) tal-Kap 9 kienet diga' fis-sehh u ghalhekk ir-rikorrent bl-ebda mod ma jista' jargumenta li d-difiza tieghu giet pregudikata.

Illi l-esponent ghalhekk jirrileva li huwa inspjegabbli kif ir-rikorrent qed jinsisti b'din il-lanjanza meta huwa evidenti li l-Qrati taghna diga` esprimew ruhhom fuq dan il-punt u ma tawhx ragun.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jirrilevaw li kuntrarjament ghal dak li stqarr ir-rikorrent fir-rikors promotur, wiehed ma jista' bl-ebda mod jinjora **l-artikolu 30 tal-Kap 101.** Dan l-artikolu jghid is-segwenti:

*Minkejja d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra.*

Illi bid-dovut rispett l-esponent jargumenta li l-involviment tax-xhud Raymond Gerada jaqa' perfettament f' dak li jghid dan l-artikolu fis-sens li skont il-prosekuzzjoni Gerada kiseb/akkwista d-droga minghand ir-rikorrent sabiex id-droga tigi eventwalment moghtija lil Joseph Vella gewwa l-habs. Ir-rwol ta' Gerada kien proprju ta' *middle-man* peress li hu inghata d-droga minghand ir-rikorrent sabiex id-droga tilhaq lil terzi u ghalhekk dan huwa kaz per eccellenza ta' traffikar ta' droga. Ma' dan isegwi li l-artikolu 30 tal-Kap 101 japplika ghall-kaz in ezami u ghalhekk ix-xhieda ta' Raymond Gerada m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad ukoll li r-rikorrent qed ifittex dikjarazzjoni minghand din l-Onorabbli Qorti li l-pozizzjoni li hadet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) (bhala Gudikatura Kriminali) hija leziva tal-jedd fundamentali ghal smigh xieraq pero' minghajr ma jispecifika b'liema mod u manjiera allegatament il-Qorti vjolat dan id-dritt. Il-fatt wahdu li Qorti ma taqbilx ma' tezi ta' parti f' kawza bil-konsegwenza li t-talbiet ta' dik il-parti ma jintlaqghux bl-ebda mod dan wahdu ma jissarrafx fi ksur tad-dritt ghas-smigh xieraq.

Illi fuq kollox sabiex jigi determinat jekk ir-rikorrenti soffriex ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq, irid jigi ezaminat il-process kollu fit-totalita' tieghu. L-esponenti jirrilevaw illi ma sar xejn matul il-process relattiv ghar-rikorrenti li b'xi mod seta' jincidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' process gust u wisq inqas saret xi influwenza lil min kellu jiggudika. Importanti jigi enfasizzat li l-proceduri in kwistjoni ghadhom pendenti u ghadu ma gie deciz xejn u ghalhekk huwa difficli biex wiehed jifhem kif f"dan l-istadju r-rikorrenti qed jilmenta li l-jedd ghal smigh xieraq gie vjolat.

Tenut kont ta' dan kollu l-ilment tar-rikorrenti kif impost fuq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghandu jigi michud.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Christopher Schembri datata 13 ta' Jannar 2017 a fol 326 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 23 ta' Jannar 2017 a fol 334 tal-process.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma qudidem il-Qorti kif hekk presejduta inkluz dak tas-seduta tal-Hamis 26 ta' Jannar 2017 fejn meta ssejjah ir-rikors deher ir-rikorrent assistit minn Dr Joseph Gatt u Dr Maurizio Cordina ghall-intimati. Id-difensuri tal-partijiet qablu li jaqblu fuq in-noti sottomessi. Ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta' Marzu 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrent qed jittenta li jimpunja digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datat l-1 ta' Lulju 2015 *stante* li dan hu leziv tad-drittijiet tieghu kif sanciti bl-artikolu 6 **tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem** (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) - iktar 'il quddiem imsejjah '**Il-Konvenzjoni'** - u tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** - iktar 'il quddiem imsejjah '**Il-**

**Kostituzzjoni'.** Ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti taghti dawk l-ordnijiet u rimedji li jidhrulha xierqa fosthom li din il-Qorti taghti direttiva lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex ma tapplikax l-emenda tal-**artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)** izda tapplika dak l-artikolu kif kien allura vigenti qabel ma giet emendata**.**

Essenzjalment ir-rikorrent qed jargumenta li ghandha tigi applikata ghall-kaz tieghu d-disposizzjoni legali dwar il-piz probatorju tax-xhieda ta' komplici kif imfissra fl-artikolu 639(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta hekk kif kienet qabel li giet emendata fis-sena 2006. Huwa jsostni li ghandha tigi applikata l-ligi kif kienet fiz-zmien tar-reat, u cioe', fis-26 ta' Lulju 2005 billi, ghalkemm l-emenda hija wahda procedurali, ghandha konnessjoni mal-*fondo della causa* u ghalhekk huwa fattur *decisorium litis.*

Illi l-Avukat Generali rrespinga t-talbiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt. Primarjament eccepixxa li l-emenda introdotta bis-sostituzzjoni tal-artikolu 639(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sena 2006 hija ta' natura procedurali u ghaldaqstant applikabbli b'effett immedjat; li l-artikolu 30 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta japplika ghall-kaz odjern; u sabiex jinsab ksur tal-jedd imsemmi jenhtieg li l-Qorti tezamina l-process fit-totalita' tieghu.

Jigi ccarat li l-kontestazzjoni mhix rigward l-ammissibitia' *o meno* tax-xhieda ta' komplici, imma fir-rigward tal-applikazzjoni tal-principju tan-non retroattivita' fl-ambitu tal-

ligi penali, iktar precizament, jekk l-emenda tolqot aspetti sostantivi tal-kaz.

Illi inoltre jirrizulta li hemm konfliggenza bejn il-partijiet dwar l-applikabilita' tal-artikolu 30 tal-Kap 101 billi r-rikorrent isostni li dan l-artikolu, li allura japplika regola probatorja b'eccezzjoni ghad-dispost tal-artikolu 693(3) tal-Kap 9, mhuwiex applikabbli fil-kaz tieghu billi l-artikolu 30 mhuwiex intiz biex jghin lit-traffikanti bhal ma kien il-komplici in kwistjoni.

**Fatti u Provi**

Illi kopja tal-atti tal-process inkors quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta)[1] gew esebiti wara Digriet ta' din il-Qorti[2]. Jirrizulta li r-rikorrent tressaq fl-14 ta' Mejju 2007 akkuzat talli fis-26 ta' Lulju 2005 u fix-xhur ta' qabel:

a) assocja ruhu sabiex ibiegh jew ittraffika medicina (eroina);

b) forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura, d-droga eroina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kien gie investigat talli forna d-droga lil certu Raymond Gerada li dak iz-zmien kien jahdem bhala Correctional Officer fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Fuq il-persuna ta'

[1] Fol.16 *et sequitur*
[2] Digriet tal-24 ta' Mejju 2016 moghti *seduta stante*

Gerada instabu madwar 4 grammi droga eroina. Meta gie interrogat mill-pulizija, Raymond Gerada stqarr li hu ftiehem ma' certu Joseph Vella, li dak iz-zmien kien residenti l-habs, sabiex jiltaqa' mar-rikorrent. Huwa sostnut li Gerada akkwista d-droga mir-rikorrent biex jkun jista' jaghtiha lil Joseph Vella gewwa l-habs.

Illi r-rikorrent, b'rikors datat is-26 ta' Marzu 2015 (fol 285-287) talab lill-Qorti sabiex tirrifjuta li tapplika l-emenda taht l-artikolu 639 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-ragunijiet hemm dedotti.

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ippresjeduta mill-Magistrat Natasha Galea Sciberras, b'digriet tal-1 ta' Lulju 2015 iddisponiet mir-rikors hekk:

"*F'dan l-istadju tigbed l-attenzjoni tad-difiza ghad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 30 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li skont id-dicitura tieghu stess huwa applikabbli minnkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 639(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u jitkellem dwar persuna li tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap 101.*

*Ghal fini tal-istess artikolu, l-intenzjoni ta' din il-persuna li hekk tixtri, tikseb jew takkwista m'hijiex rilevanti ghal fini tal-applikazzjoni u meno tal-istess artikolu." (fol 294).*

Illi jirrizulta li b'rikors iehor tat-30 ta' Novembru 2015 (fol 296-298) ir-rikorrent qanqal kwistjoni kostituzzjonali abbazi ta' lezjoni tal-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u talab li ssir referenza Kostituzzjonali. Din it-talba giet michuda b'digriet tad-29 ta' Frar 2016 (fol 306-317) billi kienet semplicement frivola u vessatorja.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT

Illi l-artikolu **639 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta** llum jiddisponi hekk:

*"639 (3) Meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat."*

Dan l-artikolu nbidel bis-sahha ta' l-Att XVI tas-sena 2006, u gie fis-sehh fit-3 ta' Ottubru 2006 bis-sahha ta' l-Avviz Legali 231 tas-sena 2006.

Qabel li gie sostitwit dan is-subartikolu kien jiddisponi hekk:

"*Meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat b' xi procediment ghal xi reat li ma jkunx* ***wiehed minn*** *dawk imsemmija fl-artikolu 112 sa 118, 120, 121, 124 sa 126, u 138; ikun il-komplici, u x-xhieda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b'cirkostanzi ohra, ix-xhieda ta' dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati."*

Illi skont **l-artikolu 30 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta):**

*"Minkejja d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi f'dan l-istadju bikri l-ewwel osservazzjoni li ser taghmel din il-Qorti hija dwar il-fatt li ghalkemm ir-reat allegatament kommess jirrisali ghas-sena 2005, effettivament ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-6 ta' Lulju 2007 (fol 26 tal-process) u allura wara li l-emenda dahhlet fis-sehh.

L-**Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni** jiddisponi hekk:

*“Kull meta xi hadd ikun akkuzat b’reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’ligi”.*

Ghal dak li jirrigwarda l-aggravju impost abbazi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, dan l-artikolu jiddisponi :-

*"(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi......."*
*(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*
*-omissis-"*

Illi r-rikorrent qed jillanja li l-applikazzjoni tad-disposizzjoni 639(3) tal-Kap 9 kif emendata tilledi d-dritt tieghu taht l-artikoli indikati billi tpoggih f'sitwazzjoni zvantaggjata. Huwa ma jindikax taht liema parti tal-artikolu 6 u 39 qed iressaq din it-talba izda l-Qorti tifhem li essenzjalment il-kwistjoni hija dwar l-applikazzjoni retroattiva ta' ligi penali fil-kuntest ta' dik il-parti tad-drittijiet sanciti li tipprotegi s-smigh xieraq.

Illi l-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet biex jippronunzjaw ruhhom f'kazijiet simili.

Kif kien gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. George Faenza et** deciz fis-7 ta' Jannar 2005:

*"Ferm qabel ma kellna l-Kostituzzjoni ta' l-1964, u ghalhekk ukoll ferm qabel ma' Malta rratifikat il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna kienu japplikaw mhux biss ir-regola kontenuta fl-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali dwar it-tibdil fil-piena ghal reat partikolari, izda wkoll il-principju 'nullum crimen, nulla poena sine lege' li minnu titnissel ir-regola konkomitanti tan-nonretroattivita` tad-dritt penali sostantiv. Dan il-*

*principju llum jinsab kristallizzat fis-subartikolu (8) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta*[3] *kif ukoll fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea*[4]*.*

Il-Qorti kompliet:

*"Huwa car, ghalhekk, li l-principju tan-nonretroattivita` japplika biss ghad-dritt penali sostantiv u mhux ukoll ghal dak procedurali. Il-Qrati taghna kellhom diga` l-okkazzjoni li jepuraw dan il-punt, u l-linja li giet dejjem segwita hi li, bhala regola, id-dritt procedurali huwa ta' applikazzjoni immedjata, cioe` applikabbli anke ghall-proceduri li jkunu diga` gew istitwiti qabel il-bidu fis-sehh tal-"procedura" gdida – ara, fost ohrajn, tnejn mis-sentenzi li ghalihom ghamel referenza l-appellant Avukat Generali, u cioe` s-sentenza ta' din il-Qorti, kollegjalment komposta, tal-24 ta' Jannar, 1989 fl-ismijiet* ***The Republic of Malta v. Ravi Ramani*** *u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar, 1992 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Lawrence Cuschieri.*** *Jinghad "bhala regola" ghax ma huwiex eskluz li jista' jkun hemm materji, apparentement procedurali, izda li tant direttament jincidu fuq jekk att jew ommissjoni jammontawx jew le ghal reat jew fuq il-punibbilita` ta' dak l-att jew ta' dik l-ommissjoni, li ghalihom ikun effettivament applikabbli wkoll il-principju tan-non-retroattivita`."*

---

[3] 39(8): "*Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew omissjoni li, fil-hin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bhal dak, u ebda piena ma ghandha tigi mposta ghal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-oghla piena li setghet tigi mposta ghal dak ir-reat fiz-zmien meta jkun gie maghmul."*

[4] 7*(1): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li ma kienux jikkostitwixxu reat kriminali skont ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar." Is-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 7 jipprovdi ghal eccezzjoni li mhix relevanti ghall-kaz in dizamina."*

Dan l-insenjament gie segwit b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali kollegjalment komposta, fil-kaz fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v Mahmud Ali Amber** fis-sentenza tat-28 ta' Gunju 2007 fejn gie ritenut li :

*"M'hemm l-ebda dubju li s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali jifforma parti mid-dritt procedurali u ghaldaqstant mhuwiex applikabbli l-principju tan-nonretroattivita`. Konsegwentement, anke fir-rigward ta' reati li sehhew qabel it-3 ta' Ottubru 2006, fejn l-uniku xhud kontra akkuzat huwa komplici, illum l-Imhallef li jippresjedi l-guri ghandu jaghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda tal-komplici b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha. Naturalment l-istess jghodd ghall-Qrati tal-Magistrati, fis-sens li l-korroborazzjoni mhix mehtiega aktar izda l-gudikant ghandu jipprocedi b'dik il-kawtela li l-kaz ikun jirrikjedi tenut kont tal-fatt li l-uniku xhud kontra l-akkuzat ikun il-komplici li jista' jkollu interess aktar minn haddiehor li jfarfar minn fuq spallejh ghal fuq spallejn l-akkuzat."*

Illi similment il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Mario Borg v L-Avukat Generali** deciz fis-6 ta' Ottubru 2009 irriteniet:

*"Il-htiega o meno ta' korroborazzjoni tifforma invece parti integrali mar-rekwiziti li huma prettament ta' natura procedurali, jigifieri "the means and instruments by which those ends (i.e. 'the administration of criminal justice') are to be attained". L-appellant ghandu dritt li ma jikkondividix necessarjament din l-interpretazzjoni imma din il-Qorti ma*

*tahsibhiex bhalu. U, in propozitu, tajjeb li tigi riprodotta silta ohra minn dak li jghallem il-Professur Mamo (ibid) ghaliex din ghandha wkoll rilevanza in materja, jigifieri li, "Therefore, (while) the general rule remains that a new law of procedure in so far as it regulates the form of the the proceedings or the competence or jurisdiction of the courts operates retrospectively so as to cover also procedings in respect of offences committed under the old law, and this whether the new law does not operate retrospectively unless it is in fact more favourable to the defendant … … …". (Solttolinear tal-Qorti).......din il-Qorti hija tal-fehma li, minn punto di vista legali, regola li ghandha x'taqsam purament ma kif issir il-prova m'ghandha titqies qatt bhala wahda li hija "intimament konnessa mal-mertu tal-kawza," kif qieghed, zbaljatament, bir-rispett kollu, jikkontendi u jippretendi l-appellant. Kwantu ghal dak il-fattur li ghandu jiddistingwi jekk ligi hijiex wahda ta' natura sostantiva jew inkella procedurali, il-Qorti tal-ewwel grad stess, b'mod konciz imma approfondit, hadet il-briga li taghmel riferenza ghal sentenza ohra li tmur lura ghas-sena 1949 fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Borg et*** *fejn fiha jinghad illi:*

*"Kwantu ghall-kwistjoni tar-retroattivita` tal-ligijiet penali ta' procedura, jehtieg li wiehed jiddistingwi bejn dawk il-ligijiet li huma prettament procedurali, cioe` ta' vera u proprja procedura, b'mod li jkun fattur ordinatorium litis biss, u dawk li huma intimament konnessi mal-'fondo della causa', b'mod li jkunu fattur decisorium litis. Dawk tal-ewwel japplikaw retroattivament; l-ohrajn ma ghandhomx dan l-effett".*

Illi r-rikorrent qed jakkampa fuq dan il-bran ta' l-ahhar in sostenn tat-tezi tieghu. Izda din il-Qorti ma taqbilx ma‘ dak sottomess.

Illi ghandu jigi senjalat li r-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, ghamel accenn ghall-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, li mhuwiex il-mertu ta' dawn il-proceduri. Aparti dan il-*lapsus* jargumenta li jekk ir-regoli tal-procedura jbiddlu b'tali mod li dak li, sa ftit taz-zmien ilu, ma setax jigi stabbilit illi kien sehh reat minhabba li ma kienx hemm provi bizzejjed u f'daqqa wahda, minhabba bdil proceduraIi hemm provi bizzejjed biex jigi stabbilit li sehh reat - dan il-kambjament ghandu effett kbir fuq il-proceduri illi jekwivali "*kwazi ghall-bidla fil-ligi sostantiva."*

Illi dan ir-ragunament ma jistax jigi akkolt. Il-provi mhumiex elementi kostituttivi tar-reat . L-emenda in kwistjoni la tohloq reat gdid u lanqas piena gdida. Ma tikkreax elementi godda ghas-sussistenza tar-reat jew izzid il-pieni applikabbli. Ir-reat baqa' l-istess - li nbidlu huma r-regoli procedurali dwar il-htiega ta' korroborazzjoni tax-xhieda tal-komplici. Izda dana fis-sens li l-limitu tal-artiklu 639(3) tal-Kap 9 fuq riferit jistabbilixxi normi direzzjonali lill-gudikat li jkun qieghed jippresjedi l-guri biex dan ikun jinkombi fuqu li jidderiegi lill-gurati biex qabel ma jistriehu fuq xi xhieda u jistabbilixxu l-htija, huma ghandhom l-ewwel jevalwaw u jivvalutaw ix-xhieda moghtija b’***kawtela***.[5]

[5] Ara f'dan is-sens il-Pulizija v Mark Charles Kenneth Stephens (PA (Kost.) tat-30 ta' Gunju 2016

Illi hekk kif gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Il-Pulizija -v-Lawrence Cuschieri** moghtija fit-8 ta' Jannar 1992 "*d-direttiva ta' l-artikolu 639(3) f'kull forma tieghu, hija lill-gudikant - mhux bhala xi mizura rigida ta' precizjoni matematika u kumulattiva, imma ghall-formazzjoni ta' dik il-konvinzjoni konxjenzuza profonda u perswaza li jikkomponu kull gudizzju ta' gudikant.*"

Illi huwa minnu li l-Qorti f'dik il-kawza kienet qed tevalwa emenda antecedenti fl-artikolu 639(3) fil-kuntest tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. Izda l-principju jibqa' l-istess billi r-rikorrent f'dak il-kaz kien ilmenta li l-emenda introdotta fis-sena 1988 kien biddel l-oneru tal-prova fuq il-Prosekuzzjoni billi gie alleggerit.

Illi difatti r-regoli ta' evidenza jincidu fuq d-dritt sancit bl-artikolu 6 f'kaz li dan jigi lez wara li jigu valutati *the proceedings as a whole* u f'dan il-kuntest, il-Konvenzjoni ma tistabilixxix regoli predeterminati. Tant hu hekk li l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick[6] jippremettu li "*The right to a fair hearing in article 6(1) does not require that any particular rules of evidence are followed in national courts in either criminal or non-criminal cases.*" Jghidu li r-regoli dwar l-ammissibilita' ta' xhieda huwa principalment regolati mil-ligi nazzjonali[7] billi "*The question for the Court instead is whether the proceedings as a whole, including the way in which the evidence was obtained, were fair.*"[8] Jghidu

[6] Law of the European Convention on Human Rights (3rd ed) pp 418 *et sequitur*
[7] **Schenk v Switzerland** - A 140(1988); 13 HRR 242 para 46 PC
[8] **Khan v UK 2000-V; 31 EHRR 1016 para 34.**

wkoll ad ezempju li "*the admission of evidence by an accomplice or other accused who has been promised immunity is not of itself contrary to article 6*[9]*... it has also been held that it is not in breach of Article 6 ... for a conviction to be founded solely on circumstantial evidence.*"[10]

Illi jsegwi li ma hemm xejn fil-konvenzjoni li jivvjeta l-applikazzjoni retroattiva ta' ligijiet procedurali. L-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, li mhuwiex il-mertu f'dawn il-proceduri, japplika l-principju sostantiv ta' *nullum crimen sine lege, nulla poena sine lege* li mhuwiex il-kaz tallum.

Illi aparti punti sollevati dwar il-kontestazzjoni principali, l-intimat jsostni li fil-kuntest ta' reati migjuba taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu japplika l-artikolu 30 tal-istess Ligi li huwa *lex specialis,* u dan billi r-rikorrent gie akkuzat li ttraffika u forna d-droga eroina lil terzi. L-applikabilita' ta' dan l-artikolu lill-kaz in ezami, billi il-komplici kien *middleman,* huwa kkontestat bejn il-partijiet. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-digriet lanjat, qieset li dan l-artikolu japplika ghall-kaz minnkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 639 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta (vide *ante*).

Ikkonsidrat li ghalkemm ir-rikorrent qed jimpunja dan id-digriet, mhuwiex qed jilmenta dwar is-sostanza tieghu imma dwar ic-cahda tat-talba tieghu li l-emenda m'ghandhiex tigi applikata retroattivament.

---

[9] **Cornelis v Netherlands No. 994/01, 2004-V**
[10] **Albert v Italy No. 12013/86 59 DR 100 (1989)**

Illi l-applikabilita' *o meno* tal-artikolu 30 tal-Kap 101 hija kwistjoni purament ta' interpretazzjoni ta' ligi ordinarja li tispetta lill-Qrati ordinarji u ghalhekk din il-Qorti mhix ser taghti l-ebda gudizzju dwar dan.

Illi kif din il-Qorti kellha okkazzjoni li tosserva fil-bidu, jirrizulta li l-proceduri kriminali nbdew wara li ddahhlet fis-sehh l-emenda in kwistjoni. Ghaldaqstant dan il-kaz lanqas jipprospetta xi tibdil li gie introdott fil-kors tal-proceduri. Dan il-fattur jimmilita wkoll kontra r-rikorrent billi l-proceduri kriminali waqghu pjenament fl-ambitu tal-emenda procedurali gdida. Ghal kuntrarju, ad ezempju, l-kaz ta' Mario Borg kien kemmxejn differenti u sahansitra kien jipprospetta ipotezi aghar minn dak tar-rikorrent billi kien gja strada d-difiza tieghu waqt il-fazi istruttorja u kien ipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu fil-guri abbazi tal-posizzjoni legali antecedenti.

Illi dwar il-principju tan-non retroattivita' fil-ligi penali meta din tolqot is-sustanza tar-reat, il-Qrati Maltin fis-sentenzi ccitati kienu konkordi li l-emenda introdotta fl-artikolu 639(3) tal-Kap 9 hija ta' indoli procedurali, u kwindi l-applikazzjoni tal-istess ghall-kawzi pendenti li, izda jirrisalu ghall-perjodu antecedenti ghall-emenda, mhix leziva tad-dritt ghas-smigh xieraq sanciti bl-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni.

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-posizzjoni fil-Qrati taghna hija ormai assodata u ghalhekk ser tichad it-talbiet kif dedotti.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati tichad it-talbiet tar-rikorrent billi ma ssibx li l-pozizzjoni li hadet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Natasha Galea Sciberras permezz tad-digriet taghha datat l-1 ta' Lulju 2015 hija leziva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent hekk kif sanciti fl-artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Marzu 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Marzu 2017**